MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 2048/2004

**First Insurance Brokers Ltd bhala agenti tal-Middlesea Insurance plc u bhala l-assigurattrici ta' Charles Grech, u b'digriet tas-6 ta' Dicembru, 2004, giet ordnata korrezzjoni fis-sens illi flok il-kliem « First Insurance Brokers Limited bhala agenti tas-socjeta` MiddleSea Insurance plc u bhala assikurattrici ta' Charles Grech » jinqraw il-kliem « MiddleSea Insurance plc bhala assikurattrici ta' Charles Grech**

**vs**

**Gilbert Galea u b'digriet tas-7 ta' April, 2005 Lloyds Malta Limited bhala legittima rapprezentanti ta' Lloyds ta' l-Ingilterra nterveniet fil-kawza in statu et terminis**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Ottubru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' elf erba' mija tlieta u sebghin lira u hamsin centezmu (Lm1473.50)**

**rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenut f'incident awtomobilistiku bejn il-vettura tal-konvenut numru BAC 503 u l-vettura BBE 964 proprjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici pro et noe, liema ncident sehh nhar id-19 ta' Novembru, 2002 fi Triq Valletta, Rabat, Malta.**

**Illi in oltre s-somma tinkludi l-valur ta' zewg survey reports ammontanti ghal erba' u tletin lira Maltin (Lm34.00) kif ukoll spejjez legali ammontanti ghal disa' u tletin lira u hamsin centezmu (Lm39.50)**
**Illi l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident imsemmi.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Awissu, 2004 u bl-imghaxijiet mid-data tal-kollizzjoni cioe' mid-19 ta' Novembru, 2002.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fl-1 ta' Dicembru, 2004 fejn intqal:**

**I. Preliminarjament illi s-socjeta' attrici ma ghandhiex interess guridiku, ghaliex broker qatt ma jista' jagixxi ta' agent ;**
**II. Ukoll preliminarjament illi s-socjeta' attrici ma tistax tagixxi ta' agent meta l-principal huwa prezenti gewwa Malta a tenur ta' l-Artikolu 1866 tal-Kap 16.**
**III. Fil-meritu t-tort ta' l-incident huwa biss tas-sewwieq l-iehor li harget minn fuq stop sign minghajr ma esplorat it-triq principali.**

**Semgha x-xhieda ta' WPS 171 Liliana Mifsud, Edward Pace Balzan, John Borg Bellanti, Leanne Davies u Gilbert Galea. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-eccezzjonijiet preliminari gew sorvolati bil-korrezzjoni li saret skond id-digriet tas-6 ta' Dicembru, 2004.**
**2. Fil-meritu l-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet Valletta Road, Rabat fid-19 ta' Novembru, 2002 ghal**

**habta ta' 10 :15p.m. Il-konvenut kien qed isuq il-vettura bin-numru BAC 503 filwaqt Leanne Davies kienet qed issuq il-vettura bin-numru BBE 964 propjeta' ta' Charles Grech assikurat tas-socjeta' attrici.**

**3. Jirrizulta li Davies kienet hierga ghal go Valletta Road gejja mit-triq ta' Ta' Qali. Qabel ma tohrog go Valletta Road hemm stop sign.**

**4. Jirrizulta illi l-konvenut kien gej fi triq principali Valletta Road u meta dan ra lil Davies li harget f'daqqa u bblukkatlu t-triq, zamm brake pero' habat fil-genb taghha u spiccaw kif indikat fl-isketch esebit a fol 19 tal-process Dok LM 2. Jirrizulta illi l-konvenut halla brake marks twal sebgha u tmenin pied.**

**5. Jirrizulta illi d-danni tal-konvenut kienu estensivi frontali u aktar lejn in-naha tal-lemin, filwaqt illi d-danni fil-vettura ta' l-attur kienu fuq il-genb pero' jidher illi l-impatt principali kien fuq il-genb tax-xellug ta' wara fuq il-mudguard.**

**6. Ghandu jinghad li kif ritenut mill-Qorti:**

**Il-fatt li driver ikun isuq, minflok fuq ix-xellug tat-triq, kif iridu r-regolamenti, fuq il-crown of the road, ma hux decisiv ghas-soluzzjoni ta' kwistjoni dwar liema driver huwa l-htija ta' kollizzjoni li tigri.**

**Id-driver li jkun diehel minn side road ghal go main road ghandu certi doveri x'josserva, fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fija, u dak li jmexxi dead slow, u sahansitra jwaqqaf, biex hu sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara.**

**Il-main road user ghandu wkoll joqghod attent fil-cross roads; imma l-grad ta' diligenza li tinkombi lilu huwa ferm anqas.**

**Imma jekk il-provi juru li l-kawza prossima tal-kollizzjoni kienet unikament in-negligenza tas-side road user, li bl-ghemil tieghu rrenda l-kollizzjoni inevitabbli, l-main road user ma ghandu ebda tort fil-kollizzjoni, avolja hu kien qed isuq il-karozza fuq il-crown tat-triq, minflok fuq ix-xellug taghha kif jippreskrivu r-regolamenti (Pulizija vs Anthony Galea Vol. XXX VII. p.1137)**

**7. Ghandu jigi rilevat ukoll ghal dak li huwa l-velocita' li biha kien ghaddej il-konvenut illi hemm distinzjoni bejn speed eccessiv u speed perikoluz. Kif ritenut mill-Qorti « ……. Filwaqt li l-kriterju ta' eccessivita' jew le huwa bbazat fuq indagini posittiva, jekk mhux semplicement aritmetika, l-kriterju ta' li « speed » perikoluz ma jiddependix unikament mill-eccessivita' tieghu, imma minn cirkostanzi ohra li jkunu partikolari fil-kaz ». (Pulizija vs Guze' Tanti deciza mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Jannar, 1937). Kif ighid Dewar Gibb para 15 Trial of Motor Car Accident Cases : weather conditions must of necessity affect the degree of care to be exercised. Darkness, heavy fogg, or other atmospheric conditions, are obstructions to the view and have a bearing on the reasonableness of the speed……. »**

**8. Ghandu jinghad ukoll illi kif inghad fis-sentenza Gianni Mazzitelli vs Frederik Carr mill-Prim Awla tal-Qorti Civili: «As regards the question of speed…….. it is not speed in itself which is the cause of accidents, but rather speed misplaced……. A driver, in order to be free from lane must have been driving in such a manner with regard to all concommitant circumstances, as to have the car always and at any time under proper control ».**

**9. Jirrizulta fil-kaz in kwistjoni illi l-konvenut kien ghaddej b'velocita' eccessiva tenut kont illi l-post hemm hekk hu mudlam. Mil-lat l-iehor jirrizulta illi Davies kienet f'posizzjoni illi tara lill-konvenut gej, ghaliex dana, bhalha, kellu d-dwal mixghulin. Peress illi kien ghadu l-boghod hi ghazlet illi tohloq bil-manuvra taghha bblokkat il-karreggjata libera li minnha ried ighaddi l-konvenut. Il-fatt illi d-daqqa fil-vettura ta' Davies kienet pjuttost fuq il-parti tal-mudguard ta' wara jindika illi Davies gia kienet bdiet hierga, pero' dina ma waqfitx meta kien gej il-konvenut, ghalhekk it-Tribunal isib illi Davies ghandha l-maggior parti tar-responsabbilta' ghall-incident li sehh. L-unika responsabbilta' li jsib it-Tribunal fis-sewqan tal-konvenut huwa li dan messu saq b'velocita' aktar moderata tenut kont tal-hin ta' bil-lejl u l-fatt li t-triq hi mudlama. Pero'**

**definittivament il-maggior parti tar-responsabbilta' ghandha tigi allokata lil Davies, ghalhekk it-Tribunal qed isib lill-konvenut responsabbli biss fi grad ta' kwart ghall-eventwali kollizzjoni.**

**10. Id-danni huma dawk mitluba fl-avviz u in kwantu l-konvenut kien responsabbli biss fi grad ta' kwart huwa ghandu jhallas is-somma ta' tlett mija tmienja u sittin lira u seba' u tletin centezmu (Lm368.37).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jirrespingi l-eccezzjonijiet preliminari sollevati, qed isib lill-konvenut responsabbli biss fi grad ta' kwart ghall-eventwali kollizzjoni u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija tmienja u sittin lira u seba' u tletin centezmu (Lm368.37). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal tlett kwarti mis-socjeta' attrici u kwart mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------